MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1754/2003

**Busy Bee Limited**

**Vs**

**Giuseppe Sebastiano Tamburello**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm297.85c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rappresentanti prodotti tal-ikel mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq ordni u nkarigu specifiku tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-Anthony Galea ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm297.85c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------